MALTA

# QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 437/2002/1

**Jacqueline Degiorgio nee' D'Amato**

**vs**

**Emanuel Degiorgio**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' April 2002 fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' April 1988 wara li kienu johorgu flimkien ftit aktar minn sena. Ic-certifikat taz-zwieg relattiv jgib in-numru ta' registrazzjoni 561/1988 (Dok. "A").

Illi fil-mument taz-zwieg l-attrici kienet tliet xhur tqila u hija kellha sbatax-il sena mentri l-konvenut kellu erba' u ghoxrin sena.

Illi l-imsemmi zwieg huwa null minhabba li l-konvenut ta l-kunsens tieghu biex jizzewweg u jifforma unjoni flimkien ma' l-attrici huwa xorta wahda baqa' jghix hajja ta' guvni u sserva biz-zwieg sempliciment biex ikun jista' jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu.

Illi meta l-attrici kienet tilmenta mieghu dwar il-mod kif kien qieghed igib ruhu u l-hajja li kien qed jghix, kienet tispicca vittma tal-vjolenza min-naha tieghu tant illi dan wassal biex il-partijiet infirdu *de facto* f'Settembru 1992 u eventwalment sar kuntratt ta' separazzjoni personali fit-18 ta' Frar 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, Dokument "B".

Ili ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null a tenur ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255).**

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255);**

2. Tordna biex isiru l-annotazzjonijiet relattivi fuq l-Att Dwar iz-Zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-30 t' April 1988 li jgib in-numru ta' registrazzjoni 561/1988.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u l-elenku ta' dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta' Ottubru 2002 u tad-9 ta' Jannar 2003.

Rat in-noti ta’ l-attrici, wahda datata 27 ta’ Jannar 2003 fejn l-istess attrici esebiet l-affidavit taghha stess, u ohra tas-17 ta’ Frar 2003 fejn esebiet l-affidavits ta’ ommha Carmela D’Amato u ta’ ohtha Louise Farrugia.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Degiorgio datata 26 ta’ Frar 2003 a fol. 31 tal-process fejn eccepixxa li:-

(1) Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti huwa null imma ghar-ragunijiet differenti minn dawk moghtija mill-attrici.

(2) Illi z-zwieg ma rnexxiex ghaliex il-kunsens ta’ l-attrici kien difettuz peress li ghalkemm ghamlet cerimonja taz-zwieg mal-konvenut, fil-fatt kienet thobb lil huh u kien ghalhekk li sseparat lill-konvenut u marret tghix ma’ huh u li minnu ghandha zewg ulied.

Salvi eccezjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista’ tax-xhieda a fol. 32 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tal-5 ta’ Marzu 2003.

Rat in-nota tal-konvenut datata 13 ta’ Mejju 2003 fejn esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tal-15 ta’ Mejju 2003 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarja u ordnatilha zzomm seduta wahda ghall-kontro-ezamijiet kollha relattivi.

Rat is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli datata 11 ta’ Gunju 2003 fejn fiha ma’ sar xejn.

Rat il-verbali tad-19 ta’ Gunju 2003; u tat-30 ta’ Ottubru 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2004.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici fl-ewwel premessa taghha ssostni li l-kunsens tal-partijiet jew ta' xi parti kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255**. Dan l-artiklu jghid hekk:-

***Art.19(1):*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Il-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Illi nfatti l-awtur ***Bersini*** (**Il Diritto Canonico Matrimoniale [Torino, 1994]**) jispjega li :-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio; e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al*

*monento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta' prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".*

Illi hu ghalhekk importanti li jkun hemm maturita' li tippermetti lill-persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga, cjoe' li jkunu qed jaghtu u jircievu lil xulxin, permezz ta' unjoni guridika, *"in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.***, **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** [Montreal,1993],p.686).

Illi **artikolu 19 (1) (f)** ighid illi:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u a skans ta' repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”*.

Illi ta’ l-istess portata huma s-sentenzi **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine”*** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja’ Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); u **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000).

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet zzewgu fit-30 ta’ April 1988 pero’ sa Settembru 1992 kienu gja’ separati fattwalment u b’kuntratt datat 18 ta’ Frar 1993 gew separati legalment.

Illi jirrizulta wkoll li meta l-partijiet iltaqghu l-attrici kellha biss sittax-il sena u l-konvenut tnejn u ghoxrin. L-attrici xtaqet tmur il-Kanada wara l-mewt ta’ missierha, izda nqabdet tqila u wara tliet xhur u nofs li harget tqila zzewget lill-konvenut. Minn hawn tirrakkonta kif il-konvenut, skond hi ma kien jaghmel xejn, anke spicca mix-xoghol. Jidher li minflok beda jghin lill-attrici hu l-konvenut, Mario, tant li dan mar jghix maghhom. Jirrizulta li l-istess attrici kellha relazzjoni ma’ din il-persuna fejn anke kellha tarbija minnu. Gie z-zmien li l-istess Mario kellu jitlaq mid-dar tal-partijiet anke fuq insistenza tal-konvenut, izda sussegwentement dan rega’ mar jghix mal-partijiet, fejn skond l-attrici l-istess Mario kien jipprovdi ghall-manteniment taghha u ta’ uliedha. L-ahwa (Mario u l-konvenut) regghu ggieldu u fit-22 ta’ Settembru 1992 l-attrici telqet mid-dar konjugali.

Illi l-konvenut min-naha tieghu jghid li huwa sar jaf li qabel ma l-attrici harget mieghu kienet harget ma’ dan huh Mario. Jghid li huwa dejjem mantna lil martu, izda jghid li l-mara u huh kellhom kunfidenza flimkien u fil-fatt telqitu bit-tfal b’kollox biex marret tghix ma’ dan huh. Jghid li l-mara qaltlu li dejjem habbet lil huh u mhux lilu.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-istess partijiet ma’ kellhomx l-anqas ideja ta’ l-elementi essenzjali taz-zwieg u lanqas qatt ma fittxew li jifhmu l-istess. Huma zzewgu biss ghaliex l-istess attrici nqabdet tqila mir-relazzjoni li kellha mal-konvenut. Fil-fatt sa ma harget tqila l-attrici kellha t-tir li ssiefer il-Kanada u kien biss minhabba din it-tqala li baqghet Malta u zzewget lill-konvenut. Il-konvenut min-naha l-ohra jidher li ma assuma qatt l-obbligazzjonijiet tieghu ta’ ragel mizzewweg jew ta’ missier ta’ l-istess minuri. Dan wassal li l-istess attrici qabdet relazzjoni ma’ huh l-attur meta dan kien beda joqghod maghhom, tant li llum l-istess attrici qed tghix ma’ din il-persuna u ghandha tfal minnu. Is-sitwazzjoni ilha hekk almenu ghal disa’ snin. Illi minn dan kollu jirrizulta li l-partijiet kellhom difett ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taz-zwieg u ghalhekk il-kunsens taghhom kien vizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi apparti dan jidher li l-konvenut qatt ma kellu rispett lejn l-istess attrici, u dan mhux biss ghaliex dejjem baqa’ jghix hajja ta’ guvni, izda wkoll ghaliex kien jerfa’ idejh fuqha u certament li lanqas id-dinjita’ ta’ mara ma kien jirrispetta. Min-naha l-ohra l-attrici kellha relazzjoni adultera, u jirrizulta li r-relazzjoni ma’ din il-persuna qatt ma kienet eskluza mill-attrici u ghalhekk il-kunsens tal-partijiet kien ukoll vizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-**artikolu 19 (1) (f)** huwa relevanti dak li nghad fis-sentenza **“Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard”** (P.A.(NA) 15 ta’ Marzu 2000) u cjoe’ :-

*"Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkreja fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin.*

*Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero' bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga … ... jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga … ..."*

## <u>III.   KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi-

1. Tiddikjara li l-imsemmi zwieg bejn il-partijiet tat-30 ta' April 1988 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kap 255)** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

2. Tordna biex isiru l-annotazzjonijiet relattivi fuq l-Att Dwar iz-Zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-30 ta' April 1988 li jgib in-numru ta' registrazzjoni 561/1988.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------